**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**Dr. Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 162/19 RM**

**Frutti di Mare Co. Ltd. (C20089)**

**-Vs-**

**Joanna Paola Spiteri Pace u William Spiteri ezerċenti l-kummerċ taħt l-isem 'Taninu Bistro'.**

**Illum, 6 ta' Ottubru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-31 ta' Lulju, 2019 fejn is-socjeta' attriċi, Frutti di Mare Co. Ltd. talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jħallsuha s-somma ta' tnax-il elf, erba' mija u erbgha u erbghin ewro u hamsa u hamsin ċenteżmu (€12,444.55) rappreżentanti l-konsenja ta' kwantita' ta' prodotti tal-ikel u cioe prodotti 'Fresh and Frozen Foods' u dan kif jirrizulta minn fatturi annessi u mmarkati bħala 'Dok A', 'Dok B', 'Dok C', 'Dok D', 'Dok E', 'Dok F', 'Dok G', 'Dok H', 'Dok I', 'Dok J', 'Dok K', 'Dok L', 'Dok M', 'Dok N', 'Dok O', 'Dok P', 'Dok Q', 'Dok R', 'Dok S', 'Dok T', 'Dok U', 'Dok V', 'Dok W', 'Dok X', 'Dok Y', 'Dok Z', 'Dok AA', 'Dok AB', 'Dok AC', 'Dok AD', 'Dok AE', 'Dok AF', 'Dok

AG', Dok AH', 'Dok AI', 'Dok AJ', 'Dok AK', 'Dok AL', 'Dok AM', 'Dok AN', 'Dok AO', u 'Dok AP';

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 16 ta' Mejju 2019 (1125/2019), tal-mandat ta' sekwestru li gie pprezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli sad-data tal-hlas effettiv, kontra 1-konvenuti jew min minnhom, li huma inġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta[1] ta' Joanna Paola Spiteri Pace u William Spiteri, ipprezentata fl-10 ta' Ottubru, 2019 fejn ġie eċċepit:-

1. *'llli fl-ewwel lok u preliminarjament, l-esponenti m'ghandhom ebda relazzjoni mas-socjeta rikorrenti u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'humiex legittimi kontraditturi;*
2. *llli minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta rikorrenti trid tressaq il-prova li l-kwantitajiet ta' merkanzija indikati fl-allegati fatturi giet effettivament u realment moghtija lill-istabbilitment de quo, stante li ebda wahda mill-firem fuq il-fatturi ma tappartjeni lill- intimati, jew min minnhom;*
3. *llli in subsidium u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jikkontestaw il-veracita' tal-valur tal-allegata merkanzija u dan qieghed jinghad fid-dawl tal-fatt li wiehed mill-eks impjegati tal-istabbiliment de quo beda jahdem immedjatament mas-socjeta rikorrenti hekk kif ittermina l-impjieg tieghu, u ghadu hekk impjegat sal-lum;*
4. *llli fi kwalunkwe kaz, is-socjeta mittenti trid tipprova l-allegazzjonijiet taghha sal-grad rikjest mil-ligi;*
5. *llli 1-pretensjonijiet attrici huma infondati sia fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess;*
6. *Salv eccezzjonijiet ulterji.'*

[1] Fol. 25

Rat id-digriet mogħti fit-28 ta' Ottubru 2019 li permezz tiegħu awtorizzat li ssir korrezzjoni fir-Risposta tal-konvenuti b'dan illi wara l-ismijiet tal-konvenut fl-okkju jiżdied il-kliem "*eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Taninu Bistro*";

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet lill-abbli avukat tal-konvenuti jiddikjara fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2022 li l-konvenuti ma għandhomx iktar provi xi jressqu fil-kawża;

Semgħet lill-abbli avukati tal-partijiet fl-istess seduta tas-6 ta' Lulju 2022 jitolbu li l-kawża titħalla għas-sentenza u rat li din it-talba ġiet milqugħa;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-pretensjoni tas-soċjeta attrici f'din il-kawza hija għall-ħlas tas-somma ta' €12,444.55 rappreżentanti l-konsenja ta' kwantita' ta' prodotti tal-ikel, speċifikatament ħut u frott tal-baħar. Min-naħa tagħhom, il-konvenuti jilqgħu għat-talba billi jikkontendu li m'għandhomx relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' attriċi għaliex m'għandhomx x'jaqsmu mal-konsenji in kwistjoni u ma ffirmaw l-ebda waħda mill-fatturi relattivi. Jikkontestaw ukoll il-valur tal-merkanzija kif indikata fil-fatturi u jesiġu illi f'kull każ titressaq prova li l-merkanzija indikata fil-fatturi, ġiet effettivament ikkonsenjata fl-istabbiliment bl-isem Taninu Bistro.

**Darren Said**, id-direttur tas-socjeta' attrici xehed[2] illi l-kumpannija attriċi, li topera fin-negozju ta' importazzjoni u esportazzjoni tal-ħut, kienet ilha xi erba' snin tissupplixxi diversi prodotti tal-ħut, fosthom qarnit u klamari, lill-konvenuti li kienu

[2] Xhieda moghtija fl-4 ta' Dicembru, 2019, fol. 59 – 66.

jiġġestixxu restaurant bl-isem Ta' Ninu Bistro. Xehed ukoll illi l-konvenuti kienu jħallsu l-*invoice*s iżda f'daqqa waħda ma baqgħux iħallsu u hu ddeċieda li jwaqqfilhom ix-xogħol. Qabel istitwixxa dawn il-proċeduri huwa kien tahom żmien biex iħallsu iżda l-konvenuti baqgħu ma ħallsux l-*invoice*s li jinsabu anessi mar-Rikors promotur.

Darren Said xehed ukoll illi l-ordnijiet kienu jsiru mill-konvenuti permezz ta' messaġġi anke permezz tal-Whatsapp jew permezz ta' e-mail u meta kienu x-chefs tar-restaurant, ċioe' Gaston jew Dario, li kienu jibagħtu e-mail bl-ordni, dawn kienu jikkupjaw lill-konvenuti fl-istess *e-mail*. Ikkonferma li l-konsenji kienu jsiru fil-ħanut Ta' Ninu Bistro fil-għodu meta kien ikun hemm il-*cleaner* u dawn il-konsenji kienu jitħallew magħha wara li kienet tiċċekkja kull *item* indikat fuq l-*invoice* qabel tiffirma fuqu. Ġieli kienu jirċievu l-konsenji ix-chefs jew inkella l-konvenuti stess iżda f'kull każ huwa kien jesiġi li l-*invoice* jiġi ffirmat minn min ikun irċieva x-xogħol bħala prova li x-xogħol wasal u ġie aċċettat, u jekk l-*invoice* ma jkun tħallas mal-konsenja, il-persuna li tiffirma tikteb ukoll "*not paid*" fuq l-*invoice*. Darren Said spjega wkoll illi kien hemm okkażjonijiet rari fejn ix-xogħol ma ġiex aċċettat għaliex ikun sar żball fl-ordni jew ikun hemm xi prodott li ma jintgħoġobx iżda f'dawn il-każijiet l-ammont tal-*invoice* u l-*entry* relattiv fl-istatement dejjem kien jiġi korreġut. Qal illi l-ftehim mal-konvenuti kien li l-ħlas tal-*invoice* isir fi żmien tletin ġurnata iżda maż-żmien il-konvenuti talbu iktar żmien għall-ħlas sakemm il-problema baqgħet tikber u ddeċieda li ma jkomplix ibiegħ lill-konvenuti. Huwa kien iċempillhom kif ukoll jibgħatilhom *e-mail*s biex iħallsu iżda l-konvenuti dejjem kellhom skuża biex jipposponu l-ħlas. Ikkonferma wkoll illi mis-somma mitluba fir-Rikors promotur, ta' €12,444.55, il-konvenuti ma ħallsu xejn.

**Rosanne Aquilina**, impjegata tas-socjeta' attrici, xehdet permezz ta' Affidavit[3] fejn ikkonfermat illi l-ordnijiet kienu jsiru minn William Spiteri jew minn Chef Gaston permezz ta' *e-mail*s jew messaġġi li kienu jintbagħtu lil Darren Said. L-ordnijiet kienu jiġu konsenjati lil Ta' Ninu Bistro u l-*invoice*s kienu jigu iffirmati minn mara

[3] Affidavitipprezentat fis-6 ta' Frar 2020, fol. 69 – 72.

barranija li kienet taħdem mal-konvenut bħala *cleaner*, jew minn Chef Dario Vivirito jew Chef Gaston u ġieli minn William Spiteri nnifsu. Xehdet illi l-biċċa l-kbira tal-ordnijiet kienu jiġi aċċettati u l-*invoice*s iffirmati iżda fejn kien hemm problema, per eżempju l-prodott ma jkunx ġie konsenjat, dan kien jinqata' mill-*invoice*. Hija kienet tibgħat statements lil Joanna Spiteri Pace u l-ħlas ġeneralment kien isir b'*cheque*.

Kien hemm ħafna *invoice*s li ma tħallsux u ġieli niżlet hi stess il-ħanut biex tigbor xi pagament. Mhux l-ewwel darba li niżlet għalxejn għaliex William Spiteri kien iġib xi skuża biex ma jħallasx. Lejn l-aħħar, il-konvenuti kienu jtawwlu ħafna biex iħallsu u Darren Said kien offra li jinżel jiġbor il-pagamenti huwa stess mill-ħanut. Fl-Affidavit tagħha hija elenkati l-*invoice*s kollha li baqgħu ma tħallsux mill-konvenuti.

**Carl Sant** u **Luke Spiteri**, it-tnejn impjegati tas-soċjeta' attrici bhala *delivery persons* xehdu illi huma kienu jikkonsenjaw l-ordnijiet lil Taninu Bistro fejn William Spiteri jew xi ħaddiema minn tieghu kienu jiffirmaw l-*invoice*. Il-konsenji kienu jsiru ġeneralment fil-għodu meta kien ikun hemm *cleaner* barranija li kienet tiffirma għall-konsenja u meta ma kienitx tkun ċerta minn xi prodott, hija kienet tikkonsulta max-*chef*. Għalkemm il-ħlas kellu jsir mal-konsenja, dan kien iseħħ rarament u kien hemm ħafna drabi li ma sarx ħlas għaliex is-sid ma kienx iħalli l-flus mal-ħaddiema. Ghalhekk kienu jiktbu '*not paid*' u jmorru lura l-ufficcju bl-*invoice*.

**Gaston Scicluna** xehed permezz ta' Affidavit[4] fejn qal li huwa kien jaħdem bħala *Head Chef* ma' Taninu Bistro sakemm l-impieg tiegħu ġie terminat f'Ottubru 2018 minn William Spiteri għaliex qallu li m'hemmx xogħol. Jgħid li ħafna drabi kien jagħmel l-ordnijiet tal-ikel huwa stess ghal Taninu Bistro ghax bhala *Head Chef* dak kien xogħlu u ħadd mis-sidien qatt ma qalulu biex ma jagħmilx ordnijiet. Kien jagħmel medja ta' żewġ ordnijiet fil-ġimgħa mingħand is-soċjeta' attriċi skont il-ħtiġijiet tal-kċina u dawn kien jibagħthom permezz ta' *e-mail* direttament lil Darren Said, u kien jiġi kkuppjat f'dawn l-*e-mail*s William Spiteri. Huwa kkonferma li l-ordnijiet kien jagħmilhom biss ghall-ħanut u mhux għalih personalment jew għal xi

[4] Affidavitipprezentat fis-6 ta' Frar 2020, fol. 77 – 78.

ħaddieħor mill-istaff. Ħafna mill-konsenji kienet tiffirma ghalihom Jamile, il-*cleaner*, għaliex dawn kienu jsiru filgħodu għalkemm ġieli kien ikun hemm William jew Anthony Pace. Safejn jaf hu, hu u l-ħaddiema l-ohra dejjem kienu awtorizzati minn William Spiteri sabiex jirċievu l-konsenji u jiffirmaw l-*invoice*s tant illi ġieli kien iħallilhom il-flus għall-ħlas tal-konsenja. Jikkonferma illi William qatt ma rrifjuta x-xogħol u li kien hemm drabi fejn kien hu stess illi stiva x-xoghol fil-*freezer*.

**William Spiteri** xehed[5] illu huwa l-operatur tar-restaurant Ta' Ninu Bistro filwaqt li l-kunjatu tiegħu Anthony Pace huwa s-sid tal-proprjeta'. Jgħid li għalkemm fil-bidu kellu relazzjoni tajba ma' Frutti di Mare, pero' f'daqqa wahda il-prezzijiet għolew u huwa kien ġibed l-attenzjoni ta' Chef Gaston. Huwa jaf li l-ordnijiet kien jagħmilhom ix-*chef* iżda wara ftit taż-żmien, Gaston kien iddeċieda li jieqaf jaħdem magħhom u mar jaħdem mas-soċjeta' attrici. Jgħid li għall-bidu huma kienu jħallsu kollox f'kontanti imma imbagħad meta bdew jogħlew il-prezzijiet u żdiedet ukoll il-kwantita' tal-ordnijiet, waqgħu lura u ma bdewx ilaħħqu mal-pagamenti. Ikkonferma illi qatt ma kellhom problemi bl-ordnijiet ta' laħam u ikel ieħor. Mistoqsi ghaliex baqa' qatt ma kkontesta l-*invoice*s għalkemm skont hu l-prezzijiet ogħlew, William Spiteri qal li sakemm induna li kien hemm varjazzjoni fil-prezz, il-bilanċ dovut kien laħaq tela' sostanzjalment iżda ma jiftakarx meta kien li induna li l-ammonti żdiedu. Huwa nnega li ma jridx iħallas l-*invoice*s u kkonferma li jippretendi li jkun hemm diskussjoni bejn il-partijiet u tinstab soluzzjoni bejniethom. Ikkonferma illi x-*chef* kellu r-responsabbilita' tal-*costings* u tax-xiri u li matul l-aħħar erba' snin il-mara tiegħu, li tiġi bint il-proprjetarju tal-istabbiliment, ma kinitx involuta fil-ħanut.

**Joanna Paola Spiteri Pace** xehdet[6] illi żewġha William Spiteri jmexxi n-negozju tal-ħanut Taninu Bistro filwaqt li hija kienet tiehu hsieb l-*invoice*s. Xehdet ukoll li kienu ilhom xi sentejn u nofs jordnaw il-ħut minghand Frutti di Mare. Il-prodotti kienu jiġu ordnati mill-*Head Chef* tagħhom Gaston li kien responsabbli mill-ordnijiet u kien ir-raġel tagħha William Spiteri illi kien tah din ir-responsabbilita'. Ix-*chef* Gaston kien

---

[5] Xhieda tat-18 ta' Jannar, 2021; fol. 147 – 160.
[6] Xhieda tat-18 ta' Jannar, 2021; fol. 161 – 170.

jiccekkja x-xoghol, l-*invoice*s u l-ordnijiet u l-prezz ta' kull prodott u meta kienet ġibditlu l-attenzjoni fuq il-prezzijiet tal-prodotti tas-soċjeta' attriċi, huwa kien qalilha li x-xoghol kien qed jogħla. Meta hija rat l-*invoice*s u qabblithom mal-lista tal-prezzijiet ta' Frutti di Mare, kienet indunat li kien hemm diskrepanzi fuq kull *item* li kienu jixtru kif ukoll indunat li l-*invoice*s bdew żdiedu: dan ġara xi sitt xhur wara li Gaston kien daħal jaħdem magħhom u infurmat lil żewġha dwar dan. Għalkemm huma kienu tkellmu ma' Gaston dwar dan, ma kienx ta kas. Mistoqsija għalfejn hija ma waqqfitx tordna x-xogħol mingħand Frutti di Mare, qalet li r-relazzjoni ma' Darren kienet tajba. Hija fissret li bl-ebda mod m'hi qed tallega li l-*invoice*s pendenti m'għandhomx jitħallsu.

**Dario Vivito**[7], li huwa *chef* ma' Toninu Bistro ikkonferma li d-dokumenti esebit f'paġna 117 sa paġna 122 tal-atti, jirrappreżentaw ordnijiet li huwa kien għamel meta ix-*chef* dak iż-żmien, Gaston, ma kienx ikun xogħol u kien responsabbli hu mill-kċina. Huwa kien jagħmel dawn l-ordnijiet billi jibgħat messaġġi lil Darren ta' Frutti di Mare u kien jiffirma fuq l-*invoice*, jivverifika l-ordni u jara li kollox sew. Kien hemm okkażjonijiet meta l-ħut supplit minn Frutti di Mare ma kienx ikun frisk u huwa kien jinforma b'dan lil William u hu kien jirranġa mas-supplier. Meta mistoqsi ghalfejn ma baqgħux jordnaw minghand Frutti di Mare huwa qal li dan kien għaliex huwa sab *supplier* bi prezzijiet ahjar.

Ikkunsidrat;

Il-konvenuti jeċċepixxu b'mod preliminari illi m'għandhomx relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' attriċi. Eċċezzjoni bħal din tfisser li l-konvenuti qegħdin jikkontendu li m'humiex il-leġittimi kontradditturi tad-domanda attriċi kif dedotta fir-Rikors promotur u ġew imħarrkin ħażin.

Il-Qorti minnufih tqis li din l-eccezzjoni m'hijiex tajba. Qabel xejn, jigi osservat illi biex tirnexxi eccezzjoni bhal din, irid jintwera li l-konvenut m'huwiex persuna idonea

[7] Xhieda tat-18 ta' Jannar, 2021; fol. 174 – 181.

biex jirrispondi ghat-talbiet attriċi għaliex huwa nieqes kwalunkwe rapport guridiku bejnu bejn it-talbiet dedotti kontrih fl-azzjoni. Tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et**[8] deċiża fil-5 ta' Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell fejn ġie ritenut illi:-

"*Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha.* "

Fis-sentenza fl-ismijiet **Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited** deciza fid-9 ta' April 2008 mill-Qorti tal-Appell inghad hekk:-

"*In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*"[9]

[8] Cit. Nru. 1365/92AJM

[9] Ara wkoll sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet **Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti**, fejn inghad li *"b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu*

Għalhekk, għad-determinazzjoni dwar in-nuqqas o meno ta' leġitimazzjoni passiva tal-konvenuti biex joqogħdu in ġudizzju, jeħtieġ li jigi stabbilit l-ezistenza o meno ta' rapport ġuridiku li in bażi tiegħu is-soċjeta' attriċi setgħet tippromwovi l-azzjoni odjerna fil-konfront tal-istess konvenuti. Issa fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, it-talba tas-soċjeta' attriċi hija għall-ħlas ta' ammont bilanċjali dovut fuq bejgħ u konsenja ta' prodotti tal-ħut lil stabbiliment ossia restaurant bl-isem Ta' Ninu liema negozju mill-provi, senjatament mix-xhieda tal-konvenuti nfushom, jirriżulta li kien ġestit mill-konvenut William Spiteri personalment. Huwa minnu li bosta mill-*invoice*s relattivi huma ffirmati mhux mill-konvenuti personalment iżda minn terzi persuni li jkunu aċċettaw il-konsenji tal-merkanzja ġewwa l-istabbiliment, iżda huwa stabbilit mill-provi illi dawn il-persuni ma kienu ħadd ħlief l-impjegati tal-konvenuti li ngħataw struzzjonijiet u kellhom awtorizzazzjoni espressa biex jaċċettaw il-konsenji tal-merkanzija għan-nom tal-prinċipal tagħhom – ħaġa li hija ammessa espressament mill-konvenut William Spiteri fix-xhieda tiegħu.

In kwantu għall-konvenuta Joanna Paola Spiteri Pace, għalkemm jirriżulta li kien hemm żmien meta ma kienetx involuta fil-ġestjoni tan-negozju bl-isem Taninu, jirriżulta wkoll li hija miżżewġa lill-konvenut William Spiteri li jfisser, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, li bejniethom teżisti l-komunjoni tal-akkwisti b'effett tal-preżunzjoni legali li tapplika għal żwieġ bejn żewġ persuni miżżewġin Malta.

Issa fil-każ in eżami kien jispetta lill-konvenuti, jekk hekk kien jidhrilhom, li jippruvaw li din il-presunzjoni ma tapplikax fil-konfront taghhom jew li huma b'xi mod kienu warrbu jew eskludew tali reġim. Iżda dan qatt ma sar, u l-Qorti sejra għalhekk tqis illi bejn iż-żewġ konvenuti kien hemm eżistenti fiż-żmien tar-relazzjoni kummerċjali mas-soċjeta' attriċi, ir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti.

---

*d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha.*"

Kif ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et**[10], deciza fit-3 ta' Ottubru 2008:-

"*Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport.*"

Dan stabbilit, il-Qorti tosserva li l-eżistenza tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konvenuti jfisser ukoll, neċessarjament, illi atti tal-amministrazzjoni ordinarja tal-komunjoni tal-akkwisti, anke jekk magħmulin minn wieħed biss mill-konjuġi minghajr il-parteċipazzjoni tal-konjuġi l-iehor, jorbtu lill-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti fehmet ukoll illi għalkemm huwa minnu li x-xiri tal-merkanzija mertu ta' din il-kawża huwa att marbut mal-gestjoni tan-negozju bl-isem Ta' Ninu Bistro, sabiex japplika l-Artikolu 1324 tal-Kap. 16 irid ikun hemm il-prova li l-ġestjoni ta' kummerċ u negozju:- *".... ikunu vestiti* ***biss*** *f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni...*"[11]

Iżda l-konvenuti naqsu milli juru illi kien il-konvenut William Spiteri li jamministra waħdu u b'mod esklussiv in-negozju bl-isem Ta' Ninu Bistro u li l-konvenuta Joanna Spiteri Pace ma kellha l-ebda konnessjoni jew involviment f'dan il-kummerċ. F'kull każ, kif diġa' ngħad, jirriżulta mix-xhieda tal-konvenuta nnifisha li hija kienet tieħu ħsieb l-*invoice*s tal-ordnijiet tal-ikel tar-restaurant u kienet ukoll flimkien ma' żewġha, ġibdet l-attenzjoni tax-*chef* dwar iż-żieda fl-ordnijiet u l-prezzijiet tal-merkanzija. Magħdud dan il-fatt li l-konvenuta evidentement kellha sehem fid-deċiżjoni dwar jekk l-*invoice*s tas-soċjeta' attriċi jitħallsux jew le u meta kellu jsir il-pagament[12] u fuq kollox, mill-provi li ressqet is-soċjeta' attriċi jirriżulta li n-numru tal-VAT tan-negozju tal-istabbiliment Ta' Ninu Bistro jinsab reġistrat f'isem il-konvenuta Joanne Paola Pace[13].

[10] Prim Awla tal-Qorti Civili Cit. Nru. 1236/07.
[11] Emfasi tal-Qorti.
[12] Ara Dok. D, email, fol. 128.
[13] Dok. A u Dok. B, fol. 91 u 93 rispettivament.

Għaldaqstant, hija l-fehma tal-Qorti illi f'dan il-kaz, ġaladarba jirriżulta mill-provi li l-konvenut William Spiteri kien imexxi n-negozju bl-isem Taninu Bistro u fil-każ tal-konvenuta, hi wkoll kienet involuta fil-ġestjoni ta' dan in-negozju u jirriżulta wkoll li fi kwalsiasi każ l-obbligazzjoni kkuntrattata favur is-soċjeta' attriċi torbot lill-komunjoni tal-akkwisti, jikkonsegwi li teżisti rabta ġuridika pależi bejn l-istess soċjeta' attriċi u l-konvenuti, liema rabta ġuridika twassal lill-Qorti biex tikkonkludi illi ż-żewġ konvenuti huma leġittimi kontraditturi tat-talba attriċi f'din il-kawża.

Ikkunsidrat;

Illi fil-mertu l-Qorti hija tal-fehma li s-soċjeta' attriċi ressqet provi altru minn sodisfaċjenti li hija kkonsenjat lill-istabbiliment Taninu Bistro, ġestit mill-konvenuti, il-prodotti tal-ħut li jinsabu indikati fl-*invoice*s annessi mar-Rikors promotur. Ma għandha l-ebda dubju lanqas illi l-prodotti kkonsenjati lir-restaurant ġestit mill-konvenuti kienu effettivament ordnati miż-żewġ *chefs* impjegati minnhom għall-ħtiġiet tal-istess restaurant u effettivament, tressqu provi abbundanti li juru illi l-addetti tal-konvenuti rċevew dawn l-ordnijiet ġewwa l-istabbiliment, iffirmaw l-*invoice* relattiv u fuq kollox, li kienu awtorizzati li jagħmlu dan mill-konvenuti. Barra minn hekk, is-soċjeta' attriċi wriet ukoll kif l-*invoice*s mhux imħallsin u li l-ħlas tagħhom qed jiġi reklamat f'din il-kawża, inħarġu abbażi ta' ordnijiet li saru miż-żewġ *chefs* tar-restaurant[14], provi li ma ġewx kontradetti.

In sostenn tal-ammont reklamat minnha, is-soċjeta' attriċi ressqet fl-atti l-*invoice*s kollha tal-prodotti mibjugħin u konsenjati mill-konvenuti u l-ebda waħda minn dawn il-fatturi ma ġie kontestat speċifikatament mill-konvenuti. Fil-fatt, il-konvenuti baqgħu ma wrewx liema prodotti minn dawk indikati f'dawn il-fatturi ma kienux effettivament konsenjati jew ma kienux skont l-ordni u ġew ritornati lis-soċjeta' attriċi. Il-Qorti tosserva wkoll li għalkemm il-konvenuti jikkontendu illi l-prezzijiet tal-prodotti konsenjati mis-soċjeta' attriċi ogħlew mingħajr spjegazzjoni, saru ordnijiet

[14] Ara tabella Dok. NE u messaġġi Dok. NE1 sa Dok. NE25.

mix-*chef* fi kwantitajiet mhux awtorizzati minnhom u kien hemm kollużjoni bejn l-istess *chef* u s-soċjeta' attriċi, huma naqsu milli jissostanzjaw dawn l-allegazzjonijiet għaliex mhux biss baqgħu ma indikawx liem'huma dawk l-*invoice*s li fihom prezz ogħla minn dak miftiehem, iżda rinfaċċjati bix-xhieda tal-istess *chef* Gaston Scicluna, baqgħu ma għamlu xejn biex jikkontradixxu l-verżjoni tiegħu.

Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, huwa evidenti li s-soċjeta attriċi ressqet provi li fl-assjem tagħhom, fosthom dokumentazzjoni ampja u dettalljata u x-xhieda ġuramentata tad-direttur tagħha, jikkonvinċu lill-Qorti t-talba tagħha hija ppruvata sal-grad meħtieġ fi proċeduri ċivili u illi l-ammont minnha reklamat fir-Rikors promotur[15] fis-somma ta' €12,444.55, huwa effettivament dovut. Fix-xhieda tiegħu Darren Said ikkonferma wkoll illi dan il-bilanċ baqa' qatt ma tħallas mill-konvenuti u għadu dovut. Dawn il-provi ma ġewx kuntrastati mill-konvenuti li, kif ingħad, baqgħu ma ġabux provi biex juru li l-ammont reklamat m'huwiex effettivament dovut minnhom.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi li filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa' t-talba ta' FRUTTI DI MARE CO. LTD billi tikkundanna lil-konvenuti JOANNA PAOLA SPITERI PACE u WILLIAM SPITERI *in solidum* iħallsu lill-istess soċjeta' attriċi is-somma ta' tnax-il elf erba' mija u erbgħa u erbgħin Euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€12,444.55) għar-raġunijiet indikati fir-Rikors promotur, bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjeż mitluba fl-istess Rikors promotur jitħallsu mill-istess konvenuti wkoll *in solidum*.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[15] Kif muri fl-istatement of account Dok. E, ara senjatament fol. 130.